VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,890, 16 ta' Marzu, 2012
Taqsima B

A. L. 94 tal- 2012

ATT DWAR IL-ĠUSTIZZJA AMMINISTRATTIVA (KAP. 490)

Regolamenti tal-2012 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Rifużjoni ta' Taxxa fuq Valur Miżjud lill-Persuni Taxxabbli mhux stabbiliti fit-Territorju tal-Komunità

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 21 tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva, il-Ministru tal-Ġustizzja, Konsultazzjoni Pubblika u l-Familja għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2012 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Rifużjoni ta' Taxxa fuq Valur Miżjud lill-Persuni Taxxabbli mhux stabbiliti fit-Territorju tal-Komunità u dawn r-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Rifużjoni ta' Taxxa fuq Valur Miżjud lill-Persuni Taxxabbli mhux stabbiliti fit-Territorju tal-Komunità, hawn iżjed il-quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

L.S. 406.11.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' April, 2012.

Emenda tar-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali.

2. Il-kliem "lill-Bord tal-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud" fir-regolament 5(2) tar-regolamenti prinċipali għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "lit-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva".